**77. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech, jipproponi:**

MOZZJONI DWAR ĦATRA TA’ KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA DWAR L-I*STANDARDS*, L-ETIKA U L-IMĠIEBA XIERQA FIL-ĦAJJA PUBBLIKA

Din il-Kamra tagħmel referenza għall-programm elettorali tal-Gvern kif ukoll għall-mozzjoni numru 69 ippreżentata mill-Oppożizzjoni dwar mġieba xierqa fil-ħajja pubblika;

din il-Kamra taqbel li din hija materja ta' mportanza u nteress nazzjonali u li fejn hu possibbli għandu jintlaħaq kunsens bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra;

għaldaqstant din il-Kamra tad-Deputati qiegħda tirriżolvi ii taħtar Kumitat Magħżul minn fost il-Membri tagħha bil-għan li dan jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament fuq il-materja msemmija f’din ir-riżoluzzjoni sal-15 ta' Diċembru 2013, u dan billi jħejji rapport dwar it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Kummissarju dwar 1-i*standards*, 1-etika a 1-imgieba xierqa fil-ħajja pubblika u ta' Kumitat Permanenti tal-Kamra dwar 1-i*standards*, 1-etika u 1-imġieba xierqa fil-ħajja pubblika;

dan il-Kumitat Magħżul ikun jista' jirregola l-proċedura tiegħu minkejja kull provvediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra;

dan il-Kumitat Magħżul għandu jkun kompost minn żewġ Membri min-naħa tal-Gvern u żewġ Membri min-naħa tal-Oppożizzjoni;

dan il-Kumitat Magħżul għandu jkun presedut mill-iSpeaker tal-Kamra;

dan il-Kumitat Magħżul għandu jkun kompost minn dawn il-Membri:-

| għan-naħa tal-Gvern | għan-naħa tal-Oppożizzjoni |
|---|---|
| L-Onor. George Vella | L-Onor. Francis Zammit Dimech |
| L-Onor. Justyne Caruana | L-Onor. Ryan Callus |

16.10.13